MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

SEDUTA NUMRU 15

L-ERBGĦA 30 TA' SETTEMBRU 2009 FL-4.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduti 13 u 14 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku ipproponiet li dawn jiġu approvati wara li ġew emendati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M.Pisani

*Il-Kunsillier F. Roe attenda l-laqgħa fl-4.45p.m.*

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-proġetti pendenti mal-MEPA li se jiġu ffinanzjati mill-UIF. Hija nfurmat li peress li l-approvazzjoni mill-ADT damet xhur twal biex ingħatat l-estimi kkwotati fil-*bill of quantities* iridu jiġu riveduti. Hija qalet li diġa' nfurmat lill-Perit b'dan u ħadet l-inkarigu li hekk kif dawn ikunu lesti tirreferi kollox lil MEPA.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li r-residenti tal-Blokk tiegħu ma sabu l-ebda oġġezzjoni li l-*voltaic panels* jitpoġġew fuq it-turretta tal-bejt tagħhom. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie deċiż li l-Avukat tal-Kunsill jagħmel kuntratt li jkopri il-ftehim milħuq. Ġie deċiż ukoll li ssir *site visit* mill-Inġinier Curmi biex jiġi vverifikat li l-post huwa addattat. Ġie deċiż ukoll li fl-istess ġurnata issir laqgħa mal-istess Inġinier dwar id-dokument biex jintalbu fondi mill-EU għal-studju dwar sistema ta' *energy saving*.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għal-proġett tal-bankini. Hija qalet li għad m'għandiex stima tax-xoghlijiet li se jsiru mill-ħaddiema tal-Gvern. Hija qalet li dawn huma mportanti biex il-Perit ikun jista' jaħdem l-ammont ta' kemm ser jiswa dan ix-xogħol biex jiġi assigurat li nżommu mal-budget. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li terġa' tkellem lil *Manager* tad-Distrett dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ...)

iv Dwar il-*yellow bay* li saret fix-Xatt biex tintuża mis-*sightseeing buses* is-Sindku nfurmat li s-sinjali s-sofor reġgħu inżebgħu u anke inkixfet it-tabella li kienet ġiet mgħottija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ADT irċeviet l-ittra tal-Kunsill u din ġiet mgħoddija lid-Direttorat tat-Trasport għal azzjoni minn naħa tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li l-post addattat għandu jkun taħt is-siġar fil-Marina (wara l-*bus stop* l-antik) u jiġu speċifikati l-ħinijiet.

v Is-Sindku nfurmat li l-Kuntrattur J. Borg lesta x-xogħlijiet ta' qtugħ ta' siġar li kellu jagħmel Fuq ir-Rampa.

vi Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ADT approvat is-sinjali li talab il-Kunsill fi Triq Abate Rigord u Fuq ir-Rampa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija bgħatet *reminders* dwar l-ipparkjat fix-Xatt, is-sistema tal-*one way* u l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Prinċipessa Margerita.

vii Il-Kunsill iddiskuta l-petizzjoni li saret dwar il-*pontoons* temporanji. Is-Sindku qalet li hija ġiet infurmata li n–numru ta' persuni li ffirmaw din il-petizzjoni żdied għal madwar 300. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ikkonferma dak li qalet is-Sindku u nforma li huwa għandu kopja ta' din il-petizzjoni u indika l-envelope li kellu f'idejh. Huwa qal li din ingħatat lilu bħala resident u għaldaqstant, anke minħabba d-*data protection,* mhux f'pożizzjoni se jgħaddi kopja l-Kunsill mingħajr permess tal-firmatarji. Ġie deċiż li, peress li hemm numru sostanzjali ta' persuni li ffirmaw, il-Kunsill jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu u jħeġġeġ lill-awtorita' involuta biex tikkunsidra din il-petizzjoni.

viii Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għal fondi speċjali biex issir manutenzjoni tat-turġien tax-Xatt u l-manutenzjoni tat-toroq Abate Rigord u Prinċipessa Margerita ma ġietx aċċettata. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni għal-fondi biex jiġu ffinanzjati mill-fond speċjali il-*bring-in-sites* fix-Xatt saret.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ...)

ix Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Uffiċċju Amministrattiv se jibda' ikun miftuħ minn nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2009 mit-8.00 sal-11.30 ta' filgħodu.

x Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-proposta tal-Kunsillier F. Roe li ssir bozza ġdida fi Triq id-Deffa kantuniera ma Triq il-Maskli. Ġie deċiż li ssir *site visit* bil-lejl mill-Kunsilliera responsabbli. Ġie approvat ukoll li ssir il-manutenzjoni meħtieġa tal-bozza mal Blk A1 peress li għandha l-għatu mkisser u l-kuntrattur irrapporta li hemm bżonn ukoll jinbidel ic-*choke*. Il-Kunsillier E Muscat ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir spezzjoni wkoll fuq bozoz li semma hu f'laqgħat preċedet.

xi Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti irrefera għar-riżoluzzjoni dwar ġemellaġġ mal-Kunsill tal-Gżira u l-Msida. Huwa qal li ddiskuta din il-materja mal-Kunsillier tal-Gzira Victor Rutter u dan se jressaq din il-materja quddiem il-Il-Kunsill.

xii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għal fondi mill-Ewropa "*Town Twinning Citizens Meetings*" ma gietx approvata. Is-Sindku infurmat li sadanittant ħarġet sejħa oħra u saret applikazzjoni oħra bil-kordinazzjoni mal-MEUSAC.

xiii Is-Sindku nfurmat li l-Avukat għamel il-protest ġudizzjarju lill-Kunsill Malti għall-Isport dwar id-devoluzzjoni ta' l-art fix-Xatt. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li nfetħet kawża lil Klabb tal-Futbol. Dwar il-każ tal-Metropolis is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn bidlu l-avukati u għaldaqstant l-Avukat ta parir li qabel ma jiftaħ il-kawża l-Qorti jerġa' jitkellem magħhom dwar il-każ. Il-Kunsill qabel ma dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku ppreżentat ir-rapport tal-Perit bl-aġġudikazzjoni ta' l-offerti għal provista tal-konkos u kurduni. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Perit u għaldaqstant it-tender ġiet mgħotija lil *Cementstone MFG Co. Ltd*.

ii Is-Sindku rreferiet għal flus li nqatgħu mill-ammont dovut għax-xahar ta' Awissu ghas-serivzzi tal-ġbir ta' skart u knis. Hija qalet li kien hemm nuqqas ta' kommunikazzjoni ċara fir-rapport tal-*contract manager* li kien jiftiehem li f'Santa Marija ma sarx xogħol. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li dawn jingħataw lura.

iii Is-Sindku qrat l-ittra mill-*Estate Management Dept*. dwar it-trejqa fi Triq E. Galizia. Din hija risposta lil GVTH Advocates fejn dawn ġew infurmati li din it-trejqa hija privata peress li l-Gvern għadu ma esproprijax l-art. Hija qalet li din it-Triq ġiet asfaltata u għalhekk m'għadiex privata. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ngħaddu l-każ lill-Avukat peress li din hija tintuża bħala passaġġ pubbliku għan-numru kbir ta' snin.

iv Is-Sindku infurmat bl-iskema dwar Inizzjattivi Sportivi u ġie deċiż li l-Kunsill ma jipparteċipax.

v Is-Sindku qrat l-ittra tal-Ambaxxatur Taljan dwar iċ-change of use minn garaxx għal uffiċċju li se jintuża mill-Ambaxxata Taljana. Din il-materja ġiet diskussa u l-Kunsill iddeċidea li jibqa' konsistenti mar-riżoluzzjoni li għaddiet dwar każijiet simili.

vi Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva l-flus mill-HSBC biex jingħataw lid-*Derek Garden Centre*. Is-Sindku qalet li baqa' xi siġar li se jiġu mħawwla fil-jiem li ġejjien. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li hawn xi siġar taċ-ċitru li mietu u għandhom jiġu *replaced*.

vii Is-Sindku fakkret fiċ-ċirkulari li ntbgħatet dwar il-laqgħa mal-Onor C. Said li se ssir fid-9 ta' Ottubru 2009. Il-Kunsill qabel li fost affarijiet oħra jiddiskuti il-konfini, d-devoluzzjoni ta' l-art fix-Xatt, culverts ġodda fix-Xatt u proġetti kapitali bil-koordinazzjoni mal-Gvern Ċentrali.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsilliera A. Cachia Castelletti nforma li kellu kuntatt ma Mr. Ben Bano mill-Kunsill ta' Deal l-Ingilterra u dan se jressaq proposta li jibdew taħdidiet bil-possibilta' li jsir ġemellaġġ bejn iż-żewġ Lokalitajiet.

ii Il-Kunsillier E. Muscat irrefera għal ħmieġ tal-klieb li qed ikerrah l-ambjent u anke jkun ta' inkonvenjent għar-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tagħmel rapport il-MEPA dwar dan.

iii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li residenti ta' Ta' Xbiex qed jilmentaw li qed jaqilgħu ċitazzjoni meta jipparkjaw fil-parti ta' Triq il-Prinċipessa Margherita li hija koperta bl-ipparkjar ta' ħin limitat peress li dawn m'humiex konxji li din il-parti tagħmel ma l-Imsida. Ġie deċiż li tintbgħat ċirkulari li tinforma lir-residenti b'dan.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009 fil-5.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv